# Il-ħarsien tal-liġi u l-ordni pubbliku fil-kampanja Maltija ineżistenti

## BirdLife Malta ssejjaħ lill-Prim Ministru biex ipoġġi l-ambjent bħala prijorità

BirdLife Malta, l-akbar NGO ambjentali f'Malta, illum qed tiddikjara li f'pajjiżna hawn kollass fl-infurzar tal-liġijiet ambjentali li qed jirriżulta f'danni irreparabbli għall-ambjent naturali.

BirdLife Malta tinnota kliem il-Prim Ministru Joseph Muscat fid-diskors li għamel nhar il-Ħadd li għadda 10 ta' Diċembru fuq il-ħtieġa li jkun hawn ħarsien tal-liġi u l-ordni pubbliku. Huwa ċar li l-Prim Ministru jixtieq li jtejjeb il-liġijiet u l-ordni pubbliku imma ma jarax il-ħtieġa urġenti li jiġu infurzati l-liġijiet ambjentali.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana saħaq: "Huwa skoraġġanti li naraw li l-Gvern qed ipoġġi l-ambjent taħt nett fil-lista tal-prijoritajiet tiegħu. Kif inhuma l-affarijiet illum, fil-kampanja Maltija ma jeżisti l-ebda infurzar. Jekk se nitkellmu dwar il-ħarsien tal-liġi u l-ordni pubbliku, allura rridu nkunu konxji li llum in-numru ta' każi ta' ksur tal-liġi li qed iseħħu fil-qasam ambjentali huwa kbir wisq biex jiġi injorat. L-ewwel nett, wieħed irid isemmi l-mod illegali kif in-nassaba qed jaqbdu u jokkupaw l-art – sew art pubblika kif ukoll privata. It-tieni, hemm l-użu mifrux ta' mezzi artifiċjali u illegali biex jinqabdu l-għasafar, u t-tielet jiġi l-qtil illegali ta' speċi protetti."

BirdLife Malta tinsisti li dawn l-illegalitajiet għandhom jitwaqqfu, imma l-pulizija mhi qed tieħu prattikament l-ebda azzjoni waqt li l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) tinsab ċassa quddiem dan kollu u jinteressaha biss li tiddefendi l-istatus quo.

"BirdLife Malta kienet paċenzjuża u kkoperat mal-Gvern imma l-Prim Ministru għandu jkun jaf li hemm eluf ta' Maltin ta' twemmin politiku differenti li jaqblu fuq ħaġa waħda komuni – li fil-pajjiż hawn nuqqas serju ta' ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tan-natura, u li din mhix prijorità la għall-Gvern u lanqas għall-Oppożizzjoni," kompla Mark Sultana. "Fejn għandu x'jaqsam mal-infurzar tal-liġijiet ambjentali morna lura. Aħna nilqgħu sejħiet favur l-ordni pubbliku u l-ħarsien tal-liġijiet, imma dawn għandhom ikunu estiżi wkoll għas-settur ambjentali u jiġu kkunsidrati bħala prijorità."



**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

- Joseph Muscat: "Se nkunu wkoll il-moviment tal-ordni pubblika" (Il-Ħadd 10 ta' Diċembru, Santa Luċija)

**Ritratti mehmużin:**

1. Gawwija Rasha Sewda li nġabret mis-Salina fis-27 ta' Novembru wara li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali – waħda mill-aħħar vittmi tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa. ***Ritratt ta' BirdLife Malta***.
2. Kokka tax-Xagħri, speċi oħra protetta li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali waqt l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa ta' din is-sena (instabet fis-Siġġiewi fl-4 ta' Diċembru). ***Ritratt ta' BirdLife Malta***.
3. Pespus (għasfur protett) jitħalla abbandunat wara li nqabad f'mansab f'Ta' Ċenċ, misjub fl-10 ta' Diċembru. ***Ritratt ta' Nadja Tschovikov***.
4. Ritratt mill-ajru li juri mnasab fuq l-irdumijiet f'Ta' Ċenċ. ***Ritratt ta' Paulo Lago Barreiro***.

